**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 24 ta' Gunju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 773/2018 AF**

**Nenad Veselji**

**vs**

**St. Andrew's Football Club**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Nenad Veselji, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponent kien gie ingaggat mill-klabb intimat sabiex jaghti servizzi ta' *football coach* skond kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2016 u dan b'remunerazzjoni ta' €1,800 fix-xahar.

Ghal habta tal-ahhar ta’ Awwissu 2017, il-klabb intimat ittermina s-servizzi tal-esponent.

Inoltre, l-klabb intimat kien ilu tliet xhur ma jhallas ebda remunerazzjoni lill-esponent.

Minkejja li l-klabb intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dak dovut minnu skond l-istess kuntratt, inkluz b’zewg ittri legali tal-25 ta’ Settembru 2017 u tal-20 ta’ April 2018, kif ukoll b’ittra ufficcjali tat-30 ta’ Ottubru 2017, huwa baqa’ ma hallas xejn.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-klabb intimat huwa debitur tal-esponent skond il-kuntratt ta’ bejniethom tas-27 ta’ Ottubru 2016.

2. Tillikwida kwalunkwe remunerazzjoni jew ammonti dovuti lill-esponent mill-klabb intimat skond l-imsemmi kuntratt.

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-klabb intimat ihallas lill-esponent ir-remunerazzjoni jew ammonti likwidati minn din il-Qorti skond l-imsemmi kuntratt ta’ bejn il-kontendenti tas-27 ta’ Ottubru 2016.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1073/2018 u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-ittra ufficcjali bin-numru 4069/2017 sad-data tal-hlas effettiv. L-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ St. Andrew’s Football Club, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, jigi rilevat illi r-rikors promotur ma jfissirx car u sewwa l-oggett u r-raguni tal-kawza u dan kif inhu mehtieg a tenur tal-artikoli 156(1)(a) u (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li t-talbiet attrici huma vagi mmens u dan specjalment meta f’ebda stadju ma gie mitlub biex lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li b’xi mod kien hemm xi nuqqas jew ksur ta’ obbligazzjonijiet da parte tal-klabb esponenti. Infatti l-unika pretensjoni cara hija dik fejn

l-attur qieghed jippretendi l-hlas ta' hamest elef u erba' mitt Ewro (€5400) li huwa ekwivalenti ghal paga ta' tlett xhur, filwaqt li kwalunkwe pretensjonijiet ta' hlas ta' danni/ammonti ohra li jmorru *oltre* dan l-ammont mhumiex cari. Ghaldaqstant, sabiex id-difiza tal-klabb intimat ma tigix severament ippregudikata, filwaqt li qed jipprezenta din ir-risposta u jirrispondi kif l-ahjar li jista', l-klabb esponenti jirriserva illi jesponi ulterjorament fil-kors ta' dawn il-proceduri wara li jkunu saru l-kjarifiki necessarji da parte tal-attur.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni u kompetenza sabiex tisma' u tiddeciedi din il-kawza stante illi bejn il-partijiet jezisti kuntratt li gie ffirmat bejniethom fis-27 ta' Ottubru, 2016, liema kuntratt issir referenza ghalih mill-attur stess fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat tieghu u konvenjentement ma jannettix kopja tal-istess, fejn il-klawsola 4.5 tipprovdi li meta jinqala' dizgwid bejn il-partijiet f'kaz li ma jintlahaqx ftehim bonarju bejniethom, il-parti aggravata ghandha tirreferi t-tilwima taghha mal-bord relattiv tal-*Malta Football Association* ("MFA") liema bord ghandu l-gurisdizzjoni esklussiva li jiddeciedi dwar il-mertu in kwistjoni.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-tieni eccezzjoni tal-klabb esponenti u cioè ma tqisx li l-bord relattiv tal-MFA ghandu l-gurisdizzjoni u l-kompetenza necessarja li jisma' u jiddeciedi l-kaz *de quo*, l-klabb esponenti jeccepixxi li huwa t-Tribunal Industrijali (u mhux din l-Onorabbli Qorti) li attwalment ghandu l-gurisdizzjoni u l-kompetenza necessarja sabiex jisma' u jiddeciedi l-kaz *de quo* u dan ai termini tal-artikolu 75 tal-Att dwar Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta).

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-hlas tal-ammont ta' hamest elef u erba' mitt Ewro (€5400) li jirrapprezentaw il-paga tal-attur ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awwissu tal-2017 skond il-kuntratt hawn imsemmi, l-attur naqas milli jghid li minn dan l-ammont huwa thallas elfejn Ewro (€2000) fit-12 ta' Lulju, 2017 u a rigward ir-rimanenti bilanc ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3400), kif se jigi ppruvat tul dawn

il-proceduri, l-Klabb esponenti dejjem kien u ghadu dispost li dan jithallas lill-attur, izda l-attur dejjem irrifjuta l-hlas ta' dan l-ammont ghaliex dejjem sahaq li hu huwa dovut ammont ferm akbar minn hekk.

A rigward il-pretensjonijiet tal-attur li jmorru *oltre* il-bilanc pendenti ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3400), dawn qeghdin jigu kkontestati bhala nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt.

Filwaqt li l-klabb esponenti jikkonferma li kien ingagga lill-attur bhala *assistant coach* mal-klabb esponenti u dan permezz tal-kuntratt hawn imsemmi datat 27 ta' Ottubru, 2016, il-klabb esponenti qatt ma ttermina s-servizzi tal-attur, stante li kien l-attur stess li abbanduna l-impjieg tieghu.

Di più mhux biss l-attur abbanduna l-impjieg tieghu, izda kien naqas serjament milli jonora l-obbligi tieghu kuntrattwali fil-konfront tal-klabb esponenti u dan kif se jigi ppruvat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra li jistghu jinghataw fil-prosegwiment tal-kaz, partikolarment izda mhux limitatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tordna lill-attur sabiex u/jew lill-attur minn jeddu jikkjarifika t-talbiet u l-pretensjonijiet tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-klabb konvenut.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-klabb konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-ħlas ta' danni kuntrattwali emanenti minn kuntratt ta' impieg. Permezz ta' kuntratt tas-27 ta' Ottubru 2016, l-attur kien ingaġġjat mal-klabb konvenut

bħala *football coach*. Il-kuntratt kellu jkun validu għal 32 xahar u r-rimunerazzjoni miftehma kienet ta' €1800 netti fix-xahar. L-attur jikkontendi li l-kuntratt kien itterminat ħesrem mill-klabb konvenut f'Awwissu tal-2017 b'dan illi sa dakinhar kien diġà ilu tlett xhur ma jitħallas l-ebda rimunerazzjoni. Huwa qiegħed jitlob għalhekk is-somma dovuta lilu skont il-kuntratt. Da parti tiegħu, il-klabb konvenut jikkontendi li huwa dispost iħallas il-bilanċ pendenti li jammonta għal mhux aktar minn €3,400 u li mhuwiex dovut l-ebda ammont ieħor lill-attur stante li kien hu li abbanduna l-impieg tiegħu.

Is-sentenza tal-lum hija limitata għat-tielet eċċezzjoni tal-klabb konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tisma' u tiddeċiedi l-kawza peress li a tenur tal-artikolu 75 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa t-Tribunal Industrijali li għandu ġurisdizzjoni u kompetenza jisma l-każ.

L-artikolu 75(1) tal-Kap. 452, sa fejn huwa rilevanti għall-mertu tal-kwistjoni li ser tiġi deċiża llum, jaqra hekk:

> *"Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*
>
> *(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u*
>
> *(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,*
>
> *għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra."*

Skont l-istess Att, 'tkeċċija inġusta' tfisser hekk:

> *"(a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew*
>
> *(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*
>
> *(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu;*
>
> *u tinkludi kull nuqqas mill-prinċipal li jerġa' jimpjega lil dik il-persuna jew li jerġa' jimpjegaha skont l-artikolu 36(3);"*

Eċċezzjoni simili għal dik tal-lum ġiet trattata u deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Jannar 2019 fil-kawża fl-ismijiet Waldemar David Galea vs l-Università ta' Malta.

> *"Paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) isemmi biss kuntratt ta' impieg ghal zmien mhux stabbilit. Ladarba fl-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) hemm definizzjoni tal-kliem 'tkeccija ingusta', dawk il-kliem jistghu jfissru biss dak li tghid id-definizzjoni.*
>
> *Ghaldaqstant, tkeccija ta' impjegat b'kuntratt ta' impieg ghal zmien fiss, ma jaqax taht id-definizzjoni ta' 'tkeccija ingusta' li hemm fil-Kap. 452.  Ghalhekk paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) ma japplikax ghall-kuntratti ta' impieg ghal zmien fiss. Il-kaz in eżami lanqas mhu xi każ tat-tip li jissemmew f'paragrafi (b) u (c) tal-istess disposizzjoni.*
>
> *Saret riferenza ghas-sentenza Nehls v Sterling Travel and Tourism Limited li din il-qorti tat-23 ta' Frar, 2005. Dak il-kaz kien ukoll jikkoncerna impieg b'terminu fiss. Fih il-qorti ezaminat jekk it-Tribunal Industrijali kellux gurisdizzjoni taht paragrafu (b) tal-artikolu 75(1). Għalkemm hu minnu li kif*

*qalet dik il-qorti d-definizzjoni ta' 'tkeccija ingusta' giet amplifikata minn kif kienet id-disposizzjoni qabel it-tibdil li sar bil-Kap. 452, madankollu mid-disposizzjoni hu ovvju li ma gietx amplifikata biex tinkludi tkeccija minn impieg b'terminu fiss.*

*Kien taht paragrafu (b) li f'dik is-sentenza din il-qorti waslet biex tghid li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza sabiex jiddeciedi l-kaz. Konklużjoni li jidher li waslet għaliha ghaliex:*

*"Jidher manifestament minn din id-dikjarazzjoni illi l-appellata kienet qed tinvoka d-dispost ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452 raffigurat taht Taqsima V - Temm ta' Kuntratti ta' Servizz, hekk formanti parti minn Titolu I ta' l-Att li ghalih jirreferi s-subinciz (b) ta' l-Artikolu 75."*

*Paragrafu (b) ma jghidx li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni fil-kazijiet kollha li jissemmew f'Titolu I, izda biss "(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu". Dwar din id-disposizzjoni il-qorti taqbel mar-ragunament tal-appellanti (ara pagni 7-9 tar-rikors tal-appell). F'Titolu I tal-Kap. 452 jissemmew espressament il-kazijiet fejn wiehed ghandu jfittex rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali (ara artikolu 30 tal-Kap. 452). Fir-rigward ta' kazijiet ohra, inkluz dawk li jissemmew f'artikolu 36(11) u (14) it-Tribunal Industrijali ma jissemmiex. Fit-Titolu I huma identifikati kazijiet fejn l-ilment ghandu jsir quddiem it-Tribunal Industrijali, u l-qorti tifhem paragrafu (b) tal-artikolu 75(1) fis-sens li qieghed jirreferi ghal dawk il-kazijiet biss u mhux ghal kull kaz li jista' jinqala' fejn tapplika xi disposizzjoni taht Titolu I tal-Kap. 452. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem 'li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I.*

*Il-qorti zzid li jekk il-legislatur kellu l-intenzjoni li kull kaz li jaqa' taht Titolu I tal-Att ikun fil-gurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali, il-qorti tifhem li f'paragrafu (b) tal-artikolu 75 kien jinghad espressament li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet*

*kollha li jaqghu taht Titolu I tal-Att, u mhux il-kazijiet li "jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I."*

*Hu minnu li l-artikolu 75(1) ikompli li r-rimedju ghall-impjegat imkecci jew "li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta' dan l-Att" hu biss quddiem it-Tribunal Industrijali. Pero' dawk il-kliem iridu jigu applikati b'mod li ma jgibux fix-xejn paragrafu (b) tal-istess disposizzjoni."*

Din il-Qorti tikkondividi bis-shih dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell. Il-liġi hija ċara u għal dak li għandu x'jaqsam ma tkeċċija inġusta, il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali hija limitata skont ma jipprovdi l-artikolu 75(1). Il-klabb konvenut jinsisti li f'din il-kawża l-ewwelnett irid jiġi deċiż jekk kienx hemm tkeċċija inġusta, iżda tkeċċija ta' impjegat b'kuntratt ta' impieg għal żmien fiss, ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' 'tkeċċija inġusta' li nsibu fil-Kap. 452. Għalhekk, paragrafu (a) tal-artikolu 75(1) ma japplikax għall-kuntratt mertu tal-kawża. Il-każ in eżami lanqas ma huwa xi każ tax-xorta li jissemmew f'paragrafi (b) u (c) tal-istess disposizzjoni tal-liġi. Isegwi għalhekk illi m'għandux raġun il-klabb konvenut meta jgħid li huwa t-Tribunal Industrijali li għandu ġurisdizzjoni u kompetenza esklussiva sabiex jisma' u jiddeċiedi l-mertu ta' din il-kawża.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari ta' St. Andrew's Football Club u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż jibqghu riservati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG